

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/658****tas-27 ta' April 2016****li jirreġistra denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet tal-orijini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Levický slad (IĠP)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni tas-Slovakkja biex id-denominazzjoni "Levický slad" tiddaħħal fir-reġistru għet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea <sup>(2)</sup>.
- (2) Ladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda tqarrija ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, id-denominazzjoni "Levický slad" għandha tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni "Levický slad" (IĠP) b'dan qed tiddaħħal fir-reġistru.

Id-denominazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu tirreferi għal prodott tal-Klassi 1.8. Prodotti oħrajn tal-Anness I tat-Trattat (ħwawar, eċċ.) tal-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 <sup>(3)</sup>.*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' April 2016.

Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,  
Phil HOGAN  
Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠUL 343, 14.12.2012, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU C 433, 23.12.2015, p. 13.<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠUL 179, 19.6.2014, p. 36).